## AIR RAID

"Isma' s-sirena x'tgħajjat! reġa' beda' r-raid"
"U le! dik il-palomba biex tgħid li spiċċa x-xogħol.
Mn'issa m'għadniex ilsiera, sirna sinjuri lkoll.
Ejja għal ġo l-għelieqi; mill-ġmiel ma nibqgħux bgħid."

"Aħjar indabbru rasna. Dawn tagħhom. Hawn il-ħoss."
"Agħlaq għajnejk u aħseb. Dan naħal qalb il-ward.
Aħseb li qegħdin f'Mejju it-tnejn mixħutin fl-art
Ta' għar f'Ħad-Dingli nħarsu għall-baħar mill-rdoss."

"Resqin! ara xi dħaħen, fuqna qed jisparaw!"
"Ħallik! dina xi festa fir-raħal tagħna qrib,
Illum kulħadd daħkani, illum kulħadd ħabib,
Kull fejn għajnejna ndawru kullimkien ferħ naraw."

"Kif saffret! bomba. M'hi xejn bogħod minn haw'!"
"Taħseb xejn f'dan. B'ħeffa żunżana ttajret
Mill-ħlewwa ta' xi warda ħdejk hi tħajret,
Bħal ħbieb li wara firda 'l xulxin raw."

"Ġesù! laqtuni. Saħħa ħi! jien mitt!"
"Tibżax ċkejkuni! Mn'issa għalik is-serħ
Beda ta' dejjem. Għalik issa l-ferħ
Ta' bwar il-Ġenna illi int writt."

E. Agius.

Nifirħu bil-qalb kollha lil Dun Frans Camilleri, li x-xahar li ħareġ qaddes l-ewwel darba, u lis-Sur Karm Sant, B.A., li ġie l-ewwel wieħed fil-kors tat-Teoloġija fl-Università. Dawn iż-żewġ ħbieb tagħna, Membri Akademiċi tal-Għaqda, nittamaw li jibqgħu għaddejjin 'il quddiem għall-ġieħ tagħhom u l-ġid tal-Maltí, li huma dejjem ħabbew u għożżew.

5